# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tal-45 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 16 ta' Awwissu 2022 fl-4:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier (mill-5.20 pm) |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

45.01 **Talba**

45.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

45.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

45.02.01 Is-D.S.E. nforma li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

45.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 44 u Laqgħa tal-Lokalita'**

45.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 44 ġew approvati unanimament. Il-Viċi-Sindku ippropona u l-Kunsillier Decelis issekonda.

45.03.02 Il-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' ta' Ġunju ġew approvati unanimament. Is-Sindku ipproponiet u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

45.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

45.04.01 Rigward ir-reklamar fuq l-għamara tat-toroq, is-Sindku spjegat li konna ħadna l-parir tal-avukat li spjegalna li għalkemm hemm il-*Bye-Laws*, mhux bilfors li l-Kunsill jaċċetta li jsir riklamar. Fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li l-Kunsill ma jippermettix l-ebda tip ta' riklamar ma' għamara pubblika ġewwa l-lokalita'.

45.04.02 Is-Sindku nfurmat li x-xogħlijiet fuq id-dwal ta' Triq Valletta (triq tas-Siġar), kien ser isir bejn it-22 u l-25 ta' Awwissu.

45.04.03 Is-Sindku spjegat li kien hemm progress dwar il-bini mill-ġdid ta' parti mill-Ħajt tal-Matla li kien intlaqat waqt ix-xogħlijiet xi xhur ilu. Hija qalet li kellha laqgħa mal-Perit ta' IM kif ukoll mas-Sur K. Cauchi mis-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali dwar kif għandu jsir ix-xogħol li għandu jibda din il-ġimgħa. Hija qalet li

malli jitlesta dan ix-xogħol, għandhom jinbdew ix-xogħlijiet fi Triq George Martin, Triq Mons. Alfons Caruana u Triq Baskal Xuereb.

45.04.04 Is-Sindku nfurmat li IM kienu ikkonfermawla li Sqaq Buħar kien ser isir bil-konkos filwaqt li 2 partijiet żgħar minn Triq Xagħri Imqalleb għandhom isiru wkoll. Hija spjegat li IM ikkonfermawla li qatt ma kien hemm il-ħsieb li parti mis-*Service Road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija ssir bil-konkos.

45.04.05 Is-Sindku nfurmat li wara laqgħa mas-Sinj. Elizabeth Aquilina, it-*Tourism Zones Foundation* kienu aċċettaw li jibżgħu il-bankijiet fi Ġnien Mikelanġ Sapiano u l-Kunsill jipprovdi l-materjal.

45.04.06 Rigward ir-*roundabout* f'Misraħ Ġublew tad-Djamanti, s-Sindku nfurmat li l-PWD kienu aċċettaw li jibnuha wara li l-Perit tal-Kunsill jagħmel il-pjanta. Hija qalet ukoll li z-"żaqq" fid-daħla tar-raħal kienet inzebgħat bl-aħmar u li l-*culvert* fi Triq Mikelanġ Sapiano kien ser isir minn sezzjoni differenti fil-PWD.

45.04.07 Is-Sindku nfurmat li l-ħarġa għal Sqallija kienet *Fully Booked* u kienet ser torganizza ħarġa għal-Għawdex fil-15 ta' Settembru.

45.04.08 Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa ma' uffiċċjali mill-LESA u r-Reġjun Punent dwar l-installazzjoni ta' CCTV fil-Pjazza. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Kunsill għandu jmur għal CCTV li tissorvelja il-*Heavy Vehicles* li jidħlu fil-Pjazza. |Rigward il-post fejn din ser teħel, irridu niċċekkjaw rigward il-provvista tal-elettriku minħabba l-fatt li l-*cables* kollha fil-Pjazza għaddejjin taħt l-art. Hija qalet ukoll li r-Reġjun kien offra CCTV oħra fi Triq il-Barrieri għal fuq l-iBins però hawnhekk hemm bżonn li jeħel arblu sabiex il-*camera* teħel fuqu. Dan ġie approvat.

45.04.09 Rigward il-Festa ta' Santa Marija, s-Sindku qalet li għalkemm morna tajjeb, inqalgħu xi intoppi żgħar. Hija semmiet l-użu mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Gorg V tal-Ġnien tal-Ġilju kif ukoll rigward il-pożizzjoni ta' xi gabbani. Hija qalet li huwa mportanti li sa festa oħra l-*issue* tal-gabbani tkun solvuta. Hija semmiet il-problema li nqalgħet wara li bejjiegħ tal-qubbajt xorta rema bil-*popcorn* avolja kien avżat biex ma jagħmilx hekk u hawnhekk hija irringrazzjat lill-uffiċċjali tal-LESA li ħadu azzjoni mill-ewwel dwar dan il-każ. Hija semmiet is-saqaf tal-*Bus Shelter* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija li nkiser kif ukoll il-fatt li għalkemm kien hemm it-tabelli tan-*No Parking*, xorta kien hemm min ipparkja fi Triq Mons. Alfons Caruana.

***Il-laqgħa ġiet sospiża fil-5.20 pm sabiex saret laqgħa mal-familja Magro. Il-laqgħa tkompliet fis-6.15 pm.***

45.04.10 Is-Sindku spjegat li waqt il-laqgħa *Post Mortem* mas-Soċjetà Madonna tal-Ġilju kienu ġew diskussi l-*issues* tal-Gwardjani kif ukoll li idealment il-karozzi tal-linja jkollhom indikat permezz tal-GPS li hemm toroq magħluqa. Id-DSE informa li l-*Malta PublicTransport* informawh li mhux possibbli l-GPS tal-karozzi jiġi modifikat għal kull *diversion* li jkun hemm. Hija qalet ukoll li kienet tkellmet mas-Sur Tonio Facciol dwar il-possibilità li s-Sotto Kumitat tat-Tiżjin jiġi xolt u huwa

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


kien tal-fehma li dan għandu jitkompla. Fiċ-ċirkostanzi saret diskussjoni qasira fejn il-Kunsillier Dingli aċċetta li jerġa jipprova jkompli bis-Sotto Kumitat u s-Sindku tinsisti li jekk hemm membri fi ħdan dan is-Sotto Kumitat li ma jaqblux mal-għanijiet tiegħu, għandhom jagħmlu post għal ħaddieħor..

45.04.11 Is-Sindku talbet lid-DSE sabiex jaqra l-ittra li kien bgħatilna l-avukat tal-Kunsill rigward il-kuntratt ma' *Callus Garden Centre* fejn ħareġ ċar li l-kuntrattur ma għandux l-obbligu li jieħu ħsieb il-*maintenance* tal-*area* fejn jidħol ħaxix selvaġġ etc. Fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li dan ix-xogħol għandu jibda jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill fuq bażi regolari.

45.04.12 Is-Sindku nfurmat li konna applikajna taħt il-kappa tar-Regjun sabiex nipparteċipaw fil-kampanja *Clean Up the World* 2022 billi jitnaddaf Sqaq Buħar mill-iskart ta' kostruzzjoni u materjal ieħor.

45.05 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

45.05.01 Il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni dwar madum li mhux qiegħed sew madwar tappieri quddiem il-Kappella ta' Santa Katerina. Kien hemm qbil li dan l-ilment jiġi riferut lill-PWD.

45.05.02 Il-Kunsillier Sciberras irrefera għal bankina li tranġat fi Triq Valletta li fil-fehma tiegħu tista' tiġi aħjar. Ġie deċiż li nkellmu lill-kuntrattur u li għalissa jinżamm il-pagament.

45.05.03 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar il-bankina fi Triq il-Ħajt tal-Matla li parti minnha nqalgħet bla permess. Ġie deċiż li niċċekkjaw jekk din tranġatx.

45.05.04 Il-Kunsillier Sciberras irrefera għal madum maqlugħ faċċata tal-garaxxijiet fi Triq tas-Sejba. Ġie deċiż li nibgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill sabiex naraw jekk jistgħux jirrangawħ huma.

45.05.05 Il-Kunsillier Sciberras staqsa kienx hemm żviluppi dwar ħajt imwaqqa' fi Triq tas-Sejba k/m Triq ta' Ħal Farruġ. Is-Sindku nfurmat li l-PWD huma nfurmati dwar il-każ u li għandhom jieħdu ħsieb li dan jissewwa.

45.05.06 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka dwar ħajt għoli ta' għalqa fi Triq Valletta k/m Triq il-Konvoj ta' Santa Marija li jista' jkun ta' periklu għal min ikun ħiereġ minn Triq Valletta. Is-Sindku nfurmat li peress li l-għalqa hija privata, l-Kunsill ma jistax jintervjeni.

45.05.07 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-proċedura fil-każ li jkun hemm bżonn li tingħalaq triq minħabba li xi attività privata u d-DSE ta dettalji tal-proċedura.

45.05.08 Il-Viċi Sindku staqsa dwar it-Tabella *One Way* li hemm nieqsa ħdejn il-Ġnien Onġi Onġella. Id-DSE informa li din kienet ilha ordnata però l-kuntrattur kien għadu ma

ġiex sabiex iwaħħalha. Fiċ-ċirkostanzi kien hemm qbil li għandha tinħareġ *Default Notice* lill-kuntrattur.

45.05.09 Il-Viċi-Sindku issuġġerixxa li ssir *Zebra Crossing* ħdejn il-Ġnien tal-Ġilju. Is-Sindku nfurmat li dan mhux possibbli peress li hemm diġa hemm oħra ftit passi l-bogħod.

45.05.10 Il-Viċi-Sindku staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar il-*Bus Shelter* Saljatura fi Triq il-Qrendi u d-DSE informa li konna qeghdin fil-*waiting list*.

45.05.11 Il-Viċi-Sindku issuġġerixxa li ssir bozza bejn 2 residenzi fi Triq it-Troll. Huwa għandu jibgħat ritratt tal-post qabel tittieħed deċiżjoni.

45.05.12 Il-Viċi-Sindku issuġġerixxa li fanal li hemm fi Sqaq Nru 1 fi Triq il-Parroċċa jinbidel ma' bozza. Huwa għandu jibgħat ritratt qabel tittieħed deċiżjoni.

45.05.13 Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li ssir dawra bid-dgħajsa mal-port bħala ħarġa kulturali. Is-Sindku nfurmat li meta konna ippruvajna norganizzaw xi ħaġa simili, ma kienx hemm konkorrenza.

45.05.14 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li jsir tindif tal-ispralli kollha tar-raħal qabel tagħmel l-ewwel xita. Is-Sindku nfurmat li kienet diġà talbet lill-ħaddiema sabiex jagħmlu dan ix-xogħol.

45.05.15 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li jsiru *Pelican Lights* fil-bidu ta' Triq il-Qrendi. Ġie deċiż li nkellmu lil TM/IM peress li dik hija triq arterjali.

45.05.16 Il-Kunsillier Decelis talab sabiex isir *refreshing* tal-*Reserved Parking* fi Triq il-Qattara u li teħel tabella. Ġie deċiż li r-*refreshing* isir mill-ħaddiema tal-Kunsill filwaqt li nordnaw tabella.

45.05.17 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li teħel tabella ħdejn il-*Bus Stop* fi Triq K. Ciantar sabiex il-vetturi tal-linja jitfu l-magni waqt li jkunu jistennew. Id-DSE informa li sa fejn jaf hu, dawn jitħallew mixgħula minħabba l-A/C. Fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li ssir laqgħa ma' TM dwar ħwejjeġ relatati mat-trasport pubbliku.

***Il-Kunsillier Sciberras ħalla l-laqgħa fis-7.30 pm minħabba mpenji ta' xogħol.***

45.05.18 Is-Sindku irreferiet li kienet irċeviet talba sabiex teħel bozza fi Triq il-Parroċċa (triq tan-nofs). Id-DSE informa li kien ser jara hux possibbli li jeħel fanal minħabba li l-*cables* f'din it-triq għaddejjin taħt l-art u mhux faċli li jiżdied xi servizz.

45.05.19 Il-Viċi-Sindku ressaq ilment dwar ilma li qed joqgħod fi Sqaq Nru 1, Triq il-Parroċċa. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi riferut lil-Perit tal-Kunsill.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


45.05.20 Il-Kunsillier Dingli semma l-*issue* tal-ħamiem fi Triq il-Fjuri. Wara diskussjoni ġie deċiż li fil-waqt li l-kennies għandu jintbagħat kull ġimgħa, għandu jsir il-ħasil permezz tal-*bowser* fl-aħħar ġimgħa ta' kull xahar.

45.05.21 Il-Kunsillier Dingli ilmenta dwar ħajt li qed jiżboq il-barra fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija faċċata ta' Ġnien Mikelanġ Sapiano. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi riferut lill-Perit Vassallo ta' IM.

45.05.22 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li jiddaħħal id-dawl fi Sqaq Buħar kif ukoll isiru CCTV. Is-Sindku infurmat li l-ispejjeż biex jitwassal id-dawl hija kbira minħabba li jridu jsiru diversi arbli u għalhekk ġie deċiż li nagħmlu talba f'dan is-sens lill-Ministru meta jkollna laqgħa magħha. Hija qalet ukoll li rridu niċċekkjaw mal-MIA jekk jistax isir dawl hemmhekk minħabba li hemm ir-*runway* viċin.

45.05.23 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li jsir *railing* fil-parti tal-ħamrija fi Ġnien tal-Ġilju. Wara diskussjoni ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Kumitat tas-Soċjetà Madonna tal-Ġilju sabiex naraw eżatt lil min jappartjeni l-ġnien.

45.05.24 Il-Kunsillier Dingli staqsa kif konna ser nibqgħu dwar l-arbli li nkrew mingħand is-soċjetajiet li kienu ġarrbu xi ħsarat is-sena l-oħra u d-DSE spjega l-proċedura li kienet ser tiġi addottata.

45.05.25 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa l parti minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija (minn fejn l-ispiżerija sa fejn Di Rocco) ssir fil-konkos u jkun hemm numru ta' *planters*. Is-Sindku semmiet li IM kienu nfurmawha li ma kienx hemm permess li jsir dan ix-xogħol min naħa tahom kif ġie spjegat aktar qabel minbarra l-fatt li l-*planters* ikunu jridu min isaqqihom li tista' tkun problema.

45.05.26 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk il-Kunsill għandux bżonn ta' aktar ħaddiema li jaħdmu fuq barra u s-Sindku nfurmat li jkun hemm ġranet li lanqas ikun hemm xogħol għall-ħaddiema eżistenti.

45.05.27 Il-Kunsillier Dingli reġa' qajjem l-*issue* tax-xiri/kiri ta' vann għall-użu tal-ħaddiema u ġie deċiż li nesploraw il-*leasing* kif ukoll li idealment il-vann ikollu *tail-lift*.

## 45.06 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet

45.06.01 Ġew ippreżentati r-risposti li konna rċivejna rigward *Sleeping Policemen* ġodda fi Triq id-9 ta' April u Triq il-Barrieri. Ġie deċiż li jsiru biss dawk ta' Triq il-Barrieri jekk tinkiseb l-approvazzjoni ta' TM.

45.06.02 Korrispondenza mingħand TM rigward id-*Double Yellow Lines* fi Triq Mikelina Galea. Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill, b'mod unanimu, reġa' irrijafferma d-deċiżjonijiet li diġà ħa fil-passat u għalhekk kollox għandu jibqa' kif qiegħed preżentement.

45.06.03 Ċirkulari AKL 2022/076 mingħand l-AKL rigward il-*European Mobility Week*. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

45.06.04 Korrispondenza SPI/SCI/09/2022 mingħand id-DLG rigward il-*Clean Up The World 2022*. Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill kien ser japplika permezz tar-Reġjun sabiex jitnaddaf Sqaq Buħar.

45.06.05 Korrispondenza SPI/SCI/09/2022 mingħand id-DLG rigward Finanzjament ta' Proġetti Kapitali. Ġie deċiż li l-Kunsill jiddiskuti din l-iskema f'aktar dettal fil-laqgħa li jmiss.

45.06.06 Ċirkulari 2022/079 mingħand l-AKL rigward Skema ġdida għal proġetti sostenibbli mill-Kunsilli Lokali. Ġie deċiż li l-Kunsill jiddiskuti din l-iskema f'aktar dettal fil-laqgħa li jmiss.

45.06.07 Ċirkulari 7/2022 mingħand id-DLG rigward Emendi fl-Ordni dwar Stemmi Kumitati Reġjonali u Emendi fir-Regolamenti dwar proċeduri għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

45.06.08 Korrispondenza mingħand is-Sur Franco Farrugia rigward *pollution* ġewwa l-Imqabba. Is-Sindku qalet li l-ERA kienu nfurmawna li peress li hemm każ pendenti, għalissa ma jista' jsir xejn però ser tittieħed azzjoni wara li jiġu deċiżi xi affarijiet.

45.06.09 Ilment mingħand resident dwar vetturi li qed jagħlqu l-aċċess għal garaxx fi Triq George Martin. Kien hemm qbil li l-ħaddiema tal-Kunsill jagħmlu metru *Double Yellow Line* fuq kull naħa tal-garaxx indikat.

45.06.10 Ilment mingħand residenta dwar vetturi li qed jagħlqu l-aċċess fi Sqaq Nru 3 fi Triq il-Parroċċa kif ukoll dwar problema li tista' tikkawża *Parking Bay* li hemm viċin *Reserved Parking Bay* quddiem ir-residenza ta' missierha fi Triq il-Parroċċa. Rigward l-ipparkjar ta' vetturi fl-isqaq, ġie deċiż li nitolbu l-permess ta' TM sabiex isir tabella li tipprojbixxi li vetturi jipparkjaw f'dan l-isqaq filwaqt rigward l-*issue* tal-*Parking Bay*, ġie deċiż li nitolbu lil TM jekk hux possibbli li r-*Reserved Parking Bay* tiġi minflok il-*Parking Bay* normali u viċi-versa.

45.06.11 Korrispondenza mingħand il-Kunsillier Dingli dwar talba għal 2 mirja u arbli tad-dawl fi Triq tar-Robba kif ukoll *Double Yellow* Lines fi Triq Baskal Xuereb sabiex resident ikun jista' joħroġ mill-garaxx tiegħu mingħajr problemi. Rigward id-dawl ġie deċiż li din tiġi riferuta lill-Ministeru għall-Enerġija minħabba n-numru ta' arbli li hemm bżonn, rigward il-mirja kien hemm qbil li jekk il-post huwa fil-konfini tagħna dawn isiru filwaqt li rigward id-*Double Yellow Lines* ġie deċiż li nitolbu l-approvazzjoni ta' TM.

45.06.12 Rigward it-talba mingħand l-Onor. Perit Toni Bezzina, ġie deċiż li naraw jekk ikunx possibbli li dan jiltaqa' magħna fit-12 ta' Settembru fil-5.00 pm

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


***Peress li kienu għaddew 3 siegħat mill-bidu tal-laqgħa, d-DSE staqsa lill-membri jekk kienx hemm qbil li l-laqgħa titkompla u dwar dan kien hemm qbil unanimu.***

45.07 **Jum l-Imqabba 2022 u Attività Kulturali**

45.07.01 Rigward Jum l-Imqabba ġie deċiż li dan ikun il-Ħadd 23 ta' Ottubru u ssir quddiesa fit-08:30 am. Wara l-quddiesa, l-membri ser iżuru l-każini kif ukoll ikun hemm *show* ta' karozzi u muturi fil-Pjazza. Is-Sibt u l-Ħadd, il-Pjazza, Triq Karmenu Ciantar, Triq Santa Katerina u Triq Madonna tal-Ġilju għandhom ikunu magħluqa għat-traffiku.

Ġie deċiż ukoll li ssir attività sportiva fit-22 ta' Ottubru li għaliha ġejna mwiegħda *pallet* ilma mingħand Polidano kif ukoll li jinġiebu l-kwotazzjonijiet sabiex kull min jipparteċipa f'dawn l-attivitajiet jingħata medalja bħala tifkira. Fil-Pjazza ser ikun hemm ukoll il-kavallerija u l-klieb tal-Pulizija u ssir anke *Basketball Display*.

Ġie deċiż ukoll li għall-okkażjoni għandna nkellmu lill-Kappillan sabiex jinfetħu l-Kappelli tar-raħal kif ukoll inkellmu lill-*Heritage Malta* sabiex jinfetaħ il-Katakombi tal-Mentna.

Kien hemm qbil ukoll li matul il-ġimgħa ta' qabel Jum l-Imqabba, ssir żjara fl-iskola tar-raħal fejn it-tfal jiġu mħeġġa sabiex iżuru l-katakombi filwaqt li jingħataw *token* b'messaġġ ambjentali.

Kien hemm qbil ukoll li fil-21 ta' Ottubru jsir kunċert fil-Pjazza filwaqt li l-Kunċert tal-Kunsill isir is-Sibt 22 ta' Ottubru fis-Sala tal-iSkola Primarja bil-parteċipazzjoni tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

***Il-Kunsillier Dingli ħalla l-laqgħa fl-9.40 pm minħabba mpenji oħra.***

45.08 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/45**

45.08.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/45 ġiet approvata unanimament. Rigward il-kont ta' Catbros għal xogħol fi Triq Valletta, kien hemm qbil li dan jitħallas ladarba jsiru xi xogħlijiet żgħar fil-bankina.

45.08.02 Il-lista tal-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Lulju 2022 ġiet approvata unanimament.

45.09 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

45.09.01 Il-laqgħa ntemmet fl-9:45 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 12 ta' Settembru fis-6:00 pm

Konfermati illum it-Tnejn 12 ta' Settembru 2022.

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa<br>Sindku | Fabian Mizzi<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |